# SJAF Magazine

*SJAF is affiliated to the Anti-poverty Network Malta,
the Mental Health Association Malta, the Malta Health Network*

**SJA FOUNDATION**
Ċentru Antida
51, Tarxien Road
Tarxien TXN1090
Reception Desk Tel. 2767 2367/21808981
Email: miriam.sjaf@gmail.com

*a monthly e- magazine – Issue No.33, April 2010*

# Servizz għall-familji f'ċirkostanzi diffiċli




Ilna kważi tliet snin li bdejna servizz ta' Social Work fiċ-Ċentru Antida f'Ħal Tarxien. Servizz li hu miftuħ għall-familji tal-madwar, l-aktar dawk minn Ħal Tarxien, Raħal Ġdid u Santa Luċija. Għall-ħafna familji, iċ-Ċentru Antida jinsab pass biss l-bogħod minnhom u għaldaqstant iħossuhom komdi u bla skariġġ biex jaqbżu qabża.

Il-ħidma li nwettqu, kif ħafna jafu u jikkumentaw b'mod pożittiv, inwettquha id f'id mal-Kappillani, reliġjużi, ħaddiema pastorali u professjonisti minn organizzażżjonijiet ta' l-istat u għaqdiet volontarji. Mingħajr din il-kollaborazzjoni ħajja u kontinwa ma' oħrajn bl-istess missjoni, xogħolna jkun xott u ħafna anqas effettiv.

Sa Diċembru tal-2009, ħdimna ma' 574 persuna minn 425 familja; 22 ħallewna u tlabna ħafna għalihom u għall-familjari tagħhom. Minn dawn l-425 familja, 180 (42.3%) kienu minn Ħal Tarxien, 64 (15%) minn Raħal Ġdid, 27 mill-Fgura, 23 minn Ħal Kirkop, 14 minn Santa Lucija, 11 minn M'Scala, 11 minn Ħaż-Żabbar u 95 (22.4%) minn lokalitajiet oħra.

*KONTENUT*

Servizz għall-Familja f'ċirkostanzi diffiċli ........1/2
Aħbarijiet .....................................................4
Bridge Students Live-In.................................6/7
Grupp Ħbieb Santa Giovanna Antida.............8
Voluntieri Ġodda..........................................9
Rokna Poeżija ..............................................11
Servizzi/Donazzjoni .....................................12
Ktieb – Ir-Regettier ul-Mużewtal-Klassi...........3
Il-Maħfra .......................................................5
Wise & Cute....................................................8
It-Tfulija..........................................................9
Vjaġġ fuq il-Passi ta' Santa Giovanna Antida....10
Chiara Lubich.................................................12

Fil-prattika tagħna nagħmlu minn kollox biex ma naqtgħux qalbna minn ħadd minkejja l-intoppi li xi kultant niffaċċjaw u l-qtugħ ta' qalb li jesprimu xi familji li ngħinu. L-esperjenza turina li hawn bosta familji foqra. Il-kawżi jkunu varji. Li nafu fiċ-ċert hu li hemm numru ta' fatturi li jwasslu għall-faqar. Jista' jkun fattur wieħed li jixpruna ż-żurżieqa li twassal lil xi ħadd fil-faqar. Imma, maż-żurżieqa 'l isfel, l-persuna titrambel ma' fatturi oħra u l-ħajja tikkumplika ruħha.

Fost is-sintomi **l-aktar komuni** li jwasslu familji f'xifer il-faqar u f'esklużjoni soċjali insibu dawn:

Nuqqas ta' tagħlim: insibu familji li, minn ġenerazzjoni għall-oħra, baqgħu lura fit-tagħlim. Ikun hemm nuqqas ta' ħila fil-familja biex it-tfal jiġu mgħejuna jitgħallmu f'kull stadju tal-mixja edukattiva tagħhom. L-iżvantaġġi tagħhom kull ma jmur jikbru. Nuqqas ta' tagħlim ifisser illitteriżmu jew ħiliet bażiċi baxxi. Dawn isarrfu fi żvantaġġi oħra bħal impieg bi dħul baxx jew qgħad; impieg irregolari (mingħajr ktieb tax-xogħol); problemi finanzjarji; nuqqas ta' sigurtà u piż mentali; dipendenza fuq benefiċċji soċjali.

Qgħad: Il-qagħad ikabbar il-piżijiet u problemi. Qgħad jikkaġuna problemi ta' saħħa mentali minħabba l-insigurtà u l-biża' li jġib miegħu. Il-qgħad iwassal għal dipendenza fuq benefiċċji soċjali; frustrazzjoni li tikber ma' kull rifjut wara intervista għax-xogħol. Hekk kif jonqsu l-mezzi finanzjarji jiċkien l-but li minnu trid tgħix il-familja.

Problemi ta' saħħa mentali: Jista' jkun li mard mentali kroniku jwassal biex wieħed jitlef l-impieg. Jista' jgħaddi ż-żmien qabel ma' persuna terġa' tkun f'qagħda li tkampa tajjeb f'impieg. Imma jista' jiġri li malli persuna terġa' tikseb bilanċ fil-ħajja, xogħol ma ssibx. U jkompli ċ-ċirku ta' żvantaġġ u żurżieqa 'l isfel.



Insigurtà: Persuni li jsibu ruħhom f'ċirkustanzi bħal ma semmejna hawn fuq, iħossuhom insiguri fil-ħajja. L-insigurtà trassas lil dak li jkun f'morsa. Ċirku vizzjuż.

Mġieba kriminali: Ta' sikwit naraw persuni li nqabbdu f'ċirku vizzjuż: għexu f'familji fejn l-aggressività, l-vjolenza u emozzjonijiet imqanqla huma ħaġa komuni. F'ambjenti bħal dawn, jikbru l-iżvantaġġi, tikber ir-rabja lejn il-bqija tas-soċjetà u jikbru l-isfidi biex wieħed ma jxellifx difrejh mal-liġi u l-qrati.

Dipendenza fit-tul fuq benefiċċji soċjali: Allaħares ma kenux il-benefiċċji soċjali li jħarsu lill-persuni vulnerabbli mill-faqar assolut. Biss, dipendenza fit-tul fuq dawn tnaqqas (sakemm m'hemmx triq u mezzi oħra), tnaqqas mid-dinjità ta' persuna u tnaqqsilha dik l-ispinta biex tqum fuq saqajha u tagħmel minn kollox biex tkun indipendenti. Niltaqgħu ma' familji li, minn ġenerazzjoni għall-oħra, jibqgħu dipendenti fuq il-karità u benefiċċji soċjali.

Nuqqas ta' parteċipazzjoni fis-soċjetà ċivili: Mill-esperjenza tagħna, ftit huma dawk il-persuni vulnerabbli fix-xifer tal-faqar li jieħdu sehem fl-istrutturi ċivili. In-nuqqas ta' stima u kunfidenza fihom nnifishom iżżommhom lura. Il-mistħija u l-kejl baxx li bih ikejlu lilhom innifishom u l-ħiliet tagħhom jwassluhom biex jingħalqu f'dinja li tillimitahom u żżommhom lura.

Dawn huma biss ftit mill-fatturi li jirrendu persuna jew familja fix-xifer tal-faqar u esklużjoni soċjali. Mill-esperjenza tagħna sibna wkoll fenomenu li ma tantx jissemma' f'diskussjonijiet fuq il-faqar u l-esklużjoni soċjali. Per eżempju, waqt il-preżentazzjoni tal-ktieb importanti ħafna fuq il-faqar f'Malta ta' Mario Cardona bl-isem ***You Will Always Have the Poor Among You*** **maħruġ miċ-Ċentru Fidi u Ġustizzja tal-Ġiżwiti** maħruġ dan l-aħħar, ma tissemmiex kategorija ta' familji foqra b'missier li jdaħħal paga xierqa imma li ma jaqsamhiex ma' familtu. Fil-ħidma tagħna ta' spiss niltaqgħu ma' nisa u tfal li huma tassew foqra għax il-missier jħalli lil familtu nieqsa kważi minn kollox ħlief għal ftit flus biex jinxtara bukkun li mhux biżżejjed.

Nisa foqra miżżewġin raġel li jaħdem iżda li jħalli lill-familja nieqsa mill-ħtiġijiet bażiċi huma kategorija moħbija għaliex, għajr għaċ-children's allowance, ma jirċevux benefiċċji soċjali. Naħdmu ma' familji bħal dawn fejn id-dar żdingata, għamara se titmermer, friġġ kważi vojta, omm li mardet mentalment minħabba l-inkubu li tgħix fih familtha, u tfal mħarsa minn omm li tipprova tagħmel minn kollox iżda li tħossha mgħattna bil-piż ta' l-irrisponsabbiltà tar-raġel. Dawn in-nisa rari jitkellmu fuq il-qagħda ta' piż kbir li jinsabu fih. Hemm dawk li jagħmlu minn kollox biex, minn hawn u minn hemm, jaqilgħu xi ħaġa mingħajr ma juru lir-raġel sabiex ikollhom sold fil-but għall-emerġenzi li jinqalgħu. Is-sitwazzjoni ta' dawn in-nisa, speċjalment jekk ikollhom edukazzjoni minima, bla flus imġemmgħa, jsofru minn xi mard kroniku u qorbu l-ħamsin, hija prekarja ħafna għax iħossuhom bla triq x'jaqgħżlu – skjavi f'darhom stess.

Bħala tim ta' ħaddiema, inħossuna xxurtjati li qbadna din it-triq u missjoni li ta' kuljum tqarribna lejn min qiegħed isofri. Flimkien, nagħmlu ħilitna biex noħolqu soluzzjonijiet li forsi jaqtgħu iċ-ċirku vizzjuż li ċertu familji vulnerabbli u żvantaġġjati jkollhom mħabbla fih.

Nitolbukom biex titolbu aktar għalina u biex tingħaqdu magħna f'din il-ħidma ta' grazzja u mħabba.

## Ir-Regettier u l-Mużew tal-Klassi

- ġabra ta' novelli ġodda mill-awtriċi Nora Macelli

# Ir-Regettier

## u l-Mużew tal-Klassi



**Ixtrih mill-Fondazzjoni u Euro 2.50 mill-prezz normali ta' Euro 9.50 imorru għall-Fondazzjoni**

X'jiġri meta għalliem jistimula student li ma jemminx fil-ferħ biex juża' dan ix-xettiċiżmu tiegħu bħala tema għal proġett? X'forma jieħu l-proġett ta' l-istudent? Il-*Proġett ta' Darren* hija waħda minn erbatax-il novella dwar temi kontemporanji ta' interess għan-nisa u familji. Darren hu żagħżugħ sfinut li jgħix fl-istess dar ma' omm u missier mifrudin:

*"Il-fatt li tgħallem jiddistakka ruħu mil-logħba perikoluża perpetwa tagħhom biex josservahom minn barra x-xatba ta' qalbu għenitu jinħeba biex la jservi ta' stedina għal taqbida u lanqas jispiċċa mifluġ jew mgħaffeġ. U spiċċa ħajbu. Hemm u mhux hemm. Bla ħoss, bla kliem, u bla sliem."*

Ir-*Regettier u l-Mużew tal-Klassi* - l-istorja bit-titlu tal-ktieb - hija novella oħra li tiżvolġi f'kuntest tal-mixja edukattiva ta' studenti fi skola. L-istorja hija ġawhra ta' letteratura. Irrakkuntata mill-perspettiva ta' għalliema li tistieden regettier biex jiltaqa' mat-tfal tal-klassi biex jitkellem dwar il-mestier tiegħu. Minflok, dan ir-regettier jixpruna proċess parteċipattiv li jqanqal tagħlim u għarfien mislut mill-erperjenza personali ta' kull tifel u tifla fil-klassi, inkluż ta' l-għalliema nnifisha.

*"Innutajt lil Martina tispjega ritratt diġitali ta' gwardarobba antika b'bieba waħda u mirja twal u dojoq ma' kull naħa. Hi qalet li għalkemm ommha kienet tilfet lill-mamà tagħha fi ċkunitha, kienet għadha tiftakarha ċar f'moħħha. Kull meta ommha tiftaħ il-bieba żżaqżaq ta' dik il-gwardarobba sewdinija, timmaġina lil ommha qed toħroġilha libsa tal-bellus aħmar b'għonq tal-bizzilla ħalli joħorġu flimkien."*

Il-mod kif student partikolari ma tħalliex barra minn proċess kollettiv kollaborattiv, ukoll, huwa ta' interess għall-għalliema.

Il-Malti mħaddem mill-awtriċi huwa Malti ħaj u dinamiku, b'vokabbularju għani u djalogu fin. L-istil mexxej malajr idaħħlek f'atmosfera li tiġbdek bħal kalamita. In-narrattiva hi sensittiva għal karatterizzazzjoni fil-fond u fehma tat-tiġrib tal-bniedem ta' llum.

Il-ħolm u l-interpretazzjoni tiegħu niltaqgħu magħhom f'żewġ novelli interessantissimi. L-ewwel waħda, *Il-Ħolma*, hija storja ta' terapija li ddaħħalna fil-fond ta' proċess terapewtiku. Din in-novella għandha tkun ta' interess qawwi għal psikologi u terapisti li jaħdmu f'dan il-kuntest. It-tieni novella, *Il-Lotterija*, hija storja oħra li fiha tidħol it-tema tal-ħolm. Din ukoll, bħall-istejjer l-oħra, tħallik fuq ix-xwiek sa l-aħħar.

F'*L-Għassiesa* naraw l-effett tul is-snin, fuq familja, ta' abbuż sesswali. Ir-rakkont huwa minn żewġ perspettivi u għaldaqstant jirnexxilu jdaħħall lill-qarrej fil-moħħ u l-qalb tal-karattri ewlenin. Tliet novelli huma msejsa barra minn xtutna. Waħda minnhom hija *Bulettin ta' l-Aħbarijiet minn Barra*, novella umoristika fuq intenzjoni moħbija ta' żagħżugħa li taħdem f'kontinent il-bogħod minn Malta illi timla moħħ ommha u miessierha daqs balla bi ħsibijiet inkwetanti. Hija novella tassew interessanti li tqarreb persuni minn żewġ kulturi.

Ir-Regettier u l-Mużew tal-Klassi huwa ktieb li għandu jinqara minn qarrejja li qed ifittxu trattament serju, ħaj u uman ta' *issues* kontemporanji li jmissu mill-fond ma' qagħdiet il-bniedem. Nirrikmandawh.

-----

# Aħbarijiet mill-Fondazzjoni

- 1 t'April: Is-CEO tar-Richmond Foundation, Doris Gauci żaret il-Fondazzjoni.
- 5 t'April: tim mill-Fondazzjoni flimkien ma' voluntiera mill-Parroċċa ta' Fleur-de-Lys żaru familji minn żewġ housing estates li jagħmlu parti mill-Parroċċa sabiex jistiednu nanniet li jieħdu ħsieb neputijiet għal Klabb Nanna*Kola* ġdid.
- 6 t'April: Il-Mental Health Association tagħti żewġ kompjuters użati lill-Fondazzjoni għal użu fiċ-Ċentru Antida.
- 7 t'April mill-5.00 sat-8.00 ta' filgħaxija: Sr Rose u Nora attendew għad-djalogu dwar il-faqar bejn persuni foqra u membri tal-parlament. Dan sar fil-kamra tal-Kumitat Parlamentari għall-Affarijiet Soċjali u ġie organizzat mill-Anti-Poverty Forum ta' Malta.
- 8 t'April filgħaxija: iltaqgħa l-Governing Board tal-Fondazzjoni.
- 9 t'April: rappreżentanti tal-Kummissjoni Djakonija tal-Parroċċa San Ġorġ, Ħal Qormi kellhom laqgħa ta' konsultazzjoni mal-Fondazzjoni.
- 10 t'April: Vivien Cassar, Ruth Brincat u Nora ħadu sehem f'konferenza internazzjonali ta' nofstanhar dwar Communcating Poverty li seħħet fi tmiem ta' laqgħa ta' proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea u koordinat mill-SOS Malta.
- 12 t'April: ħames rappreżentanti mill-Kummissjoni Djakonija ta' San Ġiljan żaru l-Fondazzjoni għal konsultazzjoni dwar ħidma ma' familji vulnerabbli.
- 12 t'April: Guidance Teacher mill-iskola Lorenzo Manche fil-Furjana żar il-Fondazzjoni biex jara x'appoġġ toffri l-Fondazzjoni għal żgħażagħ li jispiċċaw mill-iskola sekondarja b'ħiliet bażiċi baxxi.
- 13 t'April: Konsultazzjoni mas-Sinjura Connie Magro mill-Mental Health Association dwar OCD (Obsessive Compulsive Disorder). Ħadu sehem is-Social Workers tal-Fondazzjoni.
- 15 t'April: sar il-Forum tan-Nanniet ta' kull xahar fuq x'riżorsi wieħed jista' joħloq biex jinkoraġġixxi l-imħabba għall-qari u l-kreattività.
- 21 t'April: L-aħħar laqgħa tal-Klabb Nanna*Kola* fil-parroċċa ta' Kristu Re f'Raħal Ġdid.
- 22 t'April: Sr Rose, Ruth u Nora żaru r-Richmond Foundation biex jifhmu aħjar is-servizzi li toffri din l-għaqda.
- 27 t'April: Vivien, Ruth, Kim u Nora ħadu sehem f'Seminar organizzat mill-MEUSAC dwar l-NGOs u Fondi tal- Unjoni Ewropea.
- 28 t'April: Sr Salvina, Ruth u Kim ħadu sehem f'Seminar ta' nofstanhar f'Għawdex organizzat mill-Mental Health Association Gozo li twaqqfet uffiċċjalment waqt is-Seminar. It-titlu kien *Breaking the Silence*. Nora kienet ic-Chair tas-Seminar. Ħadmu ħafna biex isir dan is-Seminar il-Mental Health Association ta' Malta u l-Ministeru għal Għawdex.
- 29 t'April: Laqgħa mal-Area Service Leader tal-Generic Social Work Service tal-Aġenzija Appoġġ sabiex tissaħħaħ iktar il-kollaborazzjoni.
- 29 t'April: Laqgħa fil-Fondazzjoni mas-Sur Victor Galea, Education Officer (Lifelong Learning) sabiex l-Fondazzjoni tassigura li l-learning outcomes tal-modules kollha tal-Programm Bridge għal ħiliet bażiċi jimxu ma' dawk approvati mill-Malta Vocational Council.
- 30 t'April: Is-Sinjura Inger Nilsson, ex-Presidenta tal-EUFAMI żaret l-Fondazzjoni għal diskussjoni fil-fond dwar l-appoġġ li jingħata lill-familjari ta' min isofri minn mard mentali. Inger Nilsson kienet akkumpanjata mis-Sinjura Connie Magro, Viċi-Presidenta tal-EUFAMI u PRO tal-Mental Health Association Malta. Il-EUFAMI hija federazzjoni ta' għaqdiet madwar l-Ewropa li jappoġġjaw il-qraba ta' min isofri minn mard mentali.

----

# IL-MAĦFRA - MINGĦAJRHA L-IMĦABBA MA TFISSER XEJN

| *SORS* | *Quotation* |
|---|---|
| The Big Book tal-Alcoholics Anonymous | "Jekk tixtieq teħles minn xi riżentiment, jekk tixtieq titlob għal dik il-persuna jew xi ħaġa li qed iddejqek, inti tinħeles. Jekk, waqt it-talb, titlob biex dak kollu li tixtieq int għalik, jingħata wkoll lil dik il-persuna, int issir persuna ħielsa. Itlob sabiex il-persuna li qed idejqek tkun mogħnija bis-saħħa, bi prosperità, u b'ferħ, u int tinħeles.<br>U anka meta ma tixtieqilhomx dawn l-affarijiet u t-talb tiegħek ikun biss talb fieragħ, kliem b'ieħor, kompli itlob xorta waħda. Itlob kuljum għal ġimgħatejn għall-persuna li tħossok mimli b'riżentiment lejha u tiskopri li biż-żmien issir verament tixtieq dak li qed titlob għalih. Tirrealizza wkoll li fejn qabel kont mgħarraq fl-imrar, riżentiment u mibegħda, issa tfur bil-fehma, bil-mogħdrija, u bl-imħabba.tħoss |
| Lewis B. Smedes | Il-maħfra hija ċ-ċavetta li tħollna mill-imgħoddi li ma jħallix bi kwiethom l-affarijiet li suppost ilhom midfuna. Għax sakemm moħħna jibqa' maqbud f'xibka ta' memorji ta' kemm ħaddieħor għamel kontrina, ma nkunux ħielsa u ma nkunux miftuħa għal rikonċiljazzjoni mal-persuna li għamlitilna ħsara. |
| Fr Karyl Huntley | Tkun taf li tassew ħfirt lil xi ħadd meta l-ħsibijiet li jkollna dwar din il-persuna jiżżersqu ħelu ħelu mingħajr tumbati. |
| Alan Paton mill-Ktieb 'The Garden of Forgiveness' | Donnu teżisti liġi ħarxa... Meta xi ħadd iweġġagħna u jagħmlilna d-deni qatt ma nirkupraw jekk ma naħfrux. |
| Booker T. Washington | M'inix se nħalli lill-ħadd iċekkinli ruħi billi jġegħelni nobogħdu. |
| Dr Martin Luther King | Il-maħfra m'hijiex imġieba ta' kultant imma attitudni permanenti. |
| Frederick Buechner | Ir-rabja iġġagħlek tiffanga: toqgħod tilgħaq il-feriti emozzjonali; tmeċlaq ilmenti antiki li kkakkmajt bihom, tomgħod ħsibijiet fuq kif se tikkonfronta lil min weġġgħek, tiggosta t-togħma ta' kemm u kif se tpatti lil dak li jkun għall-uġigħ li kkaġunalek. Il-problema hi li dak li qed tibla' huwa int innifsek. L-iskeletru waqt ix-xalata tkun int. |
| Desmond Tutu mill-ktieb No Future Without Forgiveness | Maħfra vera tħaddan il-passat – il-passat KOLLU – sabiex tagħmel il-ġejjieni possibbli. Ma jistax ikun li nkomplu nżommu f'qalbna – anke biex naqbżu għal xi ħadd li jħossu bla vuċi. Jekk se naħfru, naħfru darb'għal dejjem. |
| Alexandra Asseily | Kull att ta' vendikazzjoni huwa bomba mixħuta lejn il-futur tagħna, bomba li tirbombja matul l-istorja. Jeħtieġ li nattakkaw il-mibgħeda b'mezzi psokoloġiċi effettivi u metodi ta' rikonċiljazzjoni u trawwim ta' paċi. |
| Dr Joan Borysenko mill-ktieb Fire in the Soul | Il-maħfra mhijiex xi att żbaljat li jiskuża mġieba irrisponsabbli li tweġġa'. Lanqas mhi att superfiċjali fejn wieħed iħalli lilu nnifsu jiġi mweġġa' ripetutament sa ma fl-aħħar iħossu vittimizzat u martri. Pjuttost, il-maħfra tinvolvi li wieħed jaqleb il-paġna sabiex ikun jista' jgawdi il-preżent, ħieles mit-tniggiż tal-passat. |
| Madre Teresa | Ħafna nies isaqsuni: X'parir tagħti lil koppja li qed jiġġieldu? Jien dejjem inwieġeb: Itolbu u aħfru. U liż-żgħażagħ minn familji vjolenti ngħidilhom: Itolbu u aħfru. U lil ommijiet weħidhom bla ebda appoġġ mill-familja tagħha ngħidilhom: Itolbu u aħfru. |

# Living Together as One Big Family

by Ruth Brincat, Community Social Worker and Bridge Programme C-ordinator

The 4 days between the 25th and the 28th March were remarkable days for the youths-at-risk that we support. 18 of us lived together for 4 whole days at a house belonging to the Province of the Sisters of Charity. It was our annual Live-In for youths who completed our Bridge Programme - a basic skills training programme for disadvantaged youths. The Live-In involved a lot of preparation but, as Mother Teresa often liked to state, “It is not how much you do, but how much love you put into the doing that matters.” I feel that we really poured our love into the whole endeavour; we managed to create a warm family environment for many who have never experienced such a coming-together. It was an amazing time for each individual youth.

The majority of the participating youths were involved in the planning starting off with a brainstorming meeting where we all discussed expectations, desired activities and necessary rules. Rules were written together in group and signed. 11 youths took part. Two teams were formed for the duration of the live-in experience since participants wanted an element of competition. This they did fairly. Both groups had daily tasks to perform and for most of the time they worked as a team. At the end of the day both groups eagerly waited for us group leaders to announce the points acquired by each group. We emphasized their teamwork strengths and points were allocated to that. However, points were also reduced whenever we observed certain inappropriate behavior. Our aim was to reinforce positive behaviour that can impact one's life in general. We also introduced a “positive note” exercise where they wrote a positive remark about each individual youth on a card.

Social, spiritual, cultural and culinary dimensions were the highlight of each day of the programme. Drama, a visit to a heritage site close to the venue, prayer time, cooking, cleaning, shopping, taking part in a parish procession, painting, walking, laying tables, crafts, washing clothes, washing dishes - all took part in activities that a normal family engages in. Despite all the difficulties that we faced througouth these 4 days, I cannot erase from my mind the huge smiles on everyone's face on Saturday evening when we danced and performed together. The activity made me aware of the impact of such social activities so missing from their lives.

The staff team often reflects about the injustice such youths face since they are excluded from social activities which other youths take for granted. The too are part of local communities but in reality they are excluded, shunned, made fun of and left to fend for themselves.

I would really like to thank the Sisters of Charity for letting us use their residence and their transport. A big thank you to a number of sponsors who provided us with some food items. A big thank you goes to Jessie Spiteri (Volunteer Cooking Co-ordinator) and Miriam Grech (SJAF Administrator) whose invaluable contribution made this Live-In a reality. Thank you also to Anna Friesenegger (bridge Cooking Tutor) for spending time with us to help the youths cook to give Jessie a break.

Finally, a huge thanks goes to all the youths who participated joyfully in this live in. In one of the meetings that I had with them before we left the venue I told them: “I trusted you and you amply showed me that my trust was well placed.” I told them: “I’m proud of each and every one of you."







# Xi Kummenti fuq il-Live-In mill-parteċipanti

**KIF QATTAJT IL-LIVE-IN F' MARSASCALA - MID-DIJARJU TA' CHRISTOPHER**

Il-Ħamis 25 ta' Marzu jien u sħabi taċ-Ċentru Giovanna Antida morna erbat ijiem ġo villa f' Marsascala. Kif sibna ruħna ħdejn il-villa niżżilna ħwejjiġna mill-vann tas-sorijiet u dħalna ġewwa. Il-villa mqassma b' dan il-mod: 6 kmamar tas-sodda, kċina, sala, kappella, kamra tal-ħasil, ġnien, veranda, 4 kmamar tal-banju.

Kif wasalna Ruth laqqgħetna u qasmitna f' żewġ gruppi. Grupp A kienu Elsa leader, David, Jonathan, Marcyon, Noeleen u Anthony. Grupp B konna Daniel leader, jien, Rodrick, Stefano u Marija. Qasmitna f' dawn il-gruppi biex naħdmu bħala 'team'. Bħala grupp kellna ngħinu lil Jessie u lil Anna fit-tisjir, nippreparaw l-imwejjed ta' l-ikel, tindif u xogħol ieħor. Ruth wara urietna l-kmamar tas-sodda. Ġol-kamra tas-sodda tas-subien kien hemm seba' sodod fejn irqadna bil-lejl. Ġol-villa magħna kien hemm Nora, Jessie, Ruth, Kim, Frida u Salvina, omm wieħed minna.

L-attivitajiet li jien ħadt sehem fihom, fost oħrajn, kienu dawn: Sbieħ is-Sibt jien, Daniel u Rodrick morna nistagħdu. Wara kellna d-drama fejn ħadna gost immens. Bħala attivitajiet li għamlu sħabi: marru jaraw id-Duluri ħierġa, talb, mixja u żjara t-Torri Mamo ġo Marsascala stess immexxi minn Din l-Art Ħelwa. Meta shabi marru l-attivitajiet, jien u Elsa qagħdna nghinu fit-tisjir. L-aktar li ħadt gost waqt il-live in kien meta s-Sibt ġiet it-tifla ż-żgħira ta' Miriam, Julia. Din qabdet miegħi u ma ħallitlix nifs sakemm ħallewna qrib nofsillejl. Addottatni bħala zijuha ġdid u dawritni żugraga ma' subgħajha. Jien u Elsa qgħadna nilgħabu magħha xi ħames sigħat u, kif għidtilkom, għejjietna waħda nobis – apparti li ferrħitna immens.

Is-Sibt bil-lejl sħabi għamlu show ta' qari ta' poeżiji, kant u żfin. Wara Ruth tatna ċertifikat tal-kors tal-'Bridge'. Bħala ħin liberu qghadna naraw it-tv u nilgħabu logħob ieħo bħal Scrabble u crafts. Mit-tieqa tas-sala stajna naraw il-baħar blu sabiħ ta' Marsascala. L-ewwel tlett ijiem jien u sħabi ħadna ħafna gost. Fl-aħħar jum kien hemm ħafna dwejjaq għax bhala 'live-in', kienet esperjenza ġdida u unika,. Għalija kienet esperjenza sabiħa. Il-Ħadd erġajna lura lejn id-dar.
Grazzi Jessie, Nora u Anna u s-Social Workers li organizzaw il-'live-in' – Ruth, Kim u Frida.

Issa nixtieq ngħaddi messaġġ bl-Ingliż ukoll għax fil-Bridge nitgħallmu ż-żewġ lingwi:
Dear Ruth, Kim, Frida, Jessie, Anna, Nora: I would like to thank you all for the amazing long weekend we had together. It was fantastic. Surely there was a lot of hard work, planning and organisation behind it from your side. As for me it was my first experience of sleeping away from home. It was fruitful. I enjoyed the company of my friends. I feel I know them better now. The food was good especially since I helped to prepare it myself. Breakfast was another experience for me. I never take it at home. I enjoyed fishing in that beautiful sea. It was very relaxing. So were the indoor games. Well thanks again and I would like to spend similar weekends with you and my friends.

**MID-DIJARJU TA' MARCYON:** Matul dan il-'live-in' ħadna gost sew. Meta wasalna Marsascala qgħadna nitkellmu waqt li xrobna bott 'juice' ukilna ftira biż-żejt mixtrija friski mill-furnar ta' ħdejn iċ-Ċentru Antida. Sajjarna u kilna għaġin għal nofsinhar u ħsilna l-platti. Filgħaxija sajjarna u kilna l-pizza. Matul l-ewwel jum kellna diversi attivitajiet fosthom inqsamna fi gruppi biex insajru, inħejju l-imwejjed bil-platti u pużati kif suppost, innaddfu, niżbarazzaw u naħslu l-platti. Ħsilna l-art kuljum ħalli nirrispettaw il-post u nżommuh nadif. Ħriġna nimxu u lgħabna l-'uno'. Jien kont nieħu ħsieb il-parti spiritwali ta' kuljum. Kont nibda l-grupp ta' talb billi ndoqq diska ta' Fr. Karm Debattista jew ta' Andrew Cauchi. Dejjem kelli attendenza tajba minn shabi li ġew miegħi. Fil-fatt morna il-purċissjoni tad-Duluri u l-quddiesa fejn daqqew il-kitarri Miriam u t-tifla tagħha Louise. Wara l-quddiesa fil-parroċċa ta' M'Scala għamilna 'BBQ' u vera ħadna gost. Bniedem li ħadt gost nitkellem miegħu kien David li fehemni. Waqt it-talb kien iqajjem ħafna briju. Bħala ħbieb kien hemm Elsa, Jonathan, Chris, Roderick, Maria u Noleen li sirna qisna familja. Matul dawn l-erba t' ijiem li għamilna flimkien mexxewna fid-direzzjoni t-tajba. Kien hemm Ruth, Kim, Frida, Nora, Jessie, Miriam u Anna. Morna t-Torri Mamo u mbagħad morna għamilna t-talb ta' nofsinhar, ippakjkajna u morna lura d-dar.

**MID-DIJARJU TA' JONATHAN:**
Grazzi ta' dawk il-ġranet sbieħ li għaddejna flimkien. Veru ħadt gost u tgħallimt. Qatt ma kont pinġejt f'ħajti u bis-saħħa ta' Ruth pinġejt poster sabiħ. Nieħu gost narah mdendel fil-klassi quddiemi. Grazzi ħafna ħafna ta' dan il-poster għax inħossni kburi u ferħan bih. L-ikel kien tajjeb speċjalment la sibtu lest!

Grazzi hafna Ruth, Kim, Frida, Jessie u Nora.

**MID-DIJARJU TA' ELSA:**
I would like to thank you all for the wonderful 4 days we had together. I know there was a lot of planning involved. I learned to cook with Jessie's help. Although I didn't go out with the rest of the group, I still enjoyed cleaning and helping the others. I enjoyed all the company of my new friends. It changed my outlook on life. Now I know I can do better in life and Nora you made that possible so I would like to thank you very much not just you but also Ruth, Kimberly, Frida and Jessie. Thank you all!

## Wise and Cute

'I've learned that no matter what happens, or how bad it seems today, life does go on, and it will be better tomorrow.'

'I've learned that you can tell a lot about a person by the way he/she handles these three things: a rainy day, lost luggage, and tangled Christmas tree lights.'

'I've learned that regardless of your relationship with your parents, you'll miss them when they're gone from your life.'

'I've learned that making a 'living' is not the same thing as making a life.'

'I've learned that life sometimes gives you a second chance.'

'I've learned that you shouldn't go through life with a catcher's mitt on both hands; you need to be able to throw some things back...'

'I've learned that whenever I decide something with an open heart, I usually make the right decision.'

'I've learned that even when I have pains, I don't have to be one.'

'I've learned that every day you should reach out and touch someone. People love a warm hug, or just a friendly pat on the back....'

'I've learned that I still have a lot to learn..'

'I've learned that people will forget what you said, people will forget what you did, but people will never forget how you made them feel.'

***Maya Angelou***

MILL-ĦBIEB TA' ĠOVANNA

Is-sibt, l-ewwel ta' Mejju, il-Ħbieb ta' Santa Giovanna Antida organizzaw ikla 'buffet' fil-lukanda Bella Vista fil-Qawra. Għal din l-okkażjoni kienu mistiedna wkoll il-grupp tal-voluntiera taċ- Ċentru Antida u l-grupp tal-Missjoni tal-Pakistan tal-Gudja.

***Daniel Grech***



## Sajjarna 100 Figolla....u nbiegħu kollha!!

**Grazzi Anna (Bridge Tutor – Cooking) tax-xogħol kollu!**
**Grazzi lill-istudenti li jgħenuk!**
**U Grazzi lil dawk kollha li offrew l-ingredjenti!**





# Ir-Razzett li kont ngħix fih fi Tfuliti

**minn Gina Portelli (Wens Group Member)**

L-ewwel kont issib il-bitħa tar-razzett, imbagħad l-ewwel bieb prinċipali. Ħdejh, it-taraġ għal fuq is-setaħ u bieb ieħor għall-kamra tas-sodda t'ommi u missieri. Kif tidħol mill-bieb prinċipali, fuq ix-xellug, kont issib żewġ kmamar, waħda kċina u l-oħra kamra fejn konna nieklu.

Hemmhekk kont nagħmel il-ħowmwerk, għad-dawl tal-lampa tal-pitrolju għax dawl elettriku ma kellniex. Għas-sħana tal-kċina, kont noqgħod immelles il-qattus tiegħi. Il-kamra l-oħra fuq ix-xellug kienet il-kamra fejn konna ninħaslu. Imbagħad kien hemm bieb ieħor għal ġol-bitħa interna. F'din il-bitħa kien hemm żewġt ikmamar żgħar.Konna nużawhom għall-imbarazz.



Wara l-kamra tas-sodda t'ommi u missieri kien hemm il-kamra tas-sodda ta' ħuti s-subien. Minn dik il-kamra stess kien hemm taraġ minn ġewwa għas-sular ta' fuq fejn kien hemm il-kamra tas-sodda tiegħi u t'oħti. Dik kienet l-unika kamra fis-sular ta' fuq li minnha kont tasal għat-tromba tal-bejt.

Il-faċċata tar-razzett kien ħajt dobblu,
biex tevita l-kesħa fix-xitwa u s-sħana fis-sajf.
Ftit niftakar li kont inħoss sħana jew kesħa fir-razzett!
Fis-sajf filgħaxija memorja sabiħa li għandi,
il-familja kollha konna noqogħdu għall-frisk fuq il-bejt.
Meta nifriskaw sew konna nidħlu norqdu.

Welcome

*NEW VOLUNTEERS WITH SJAF*

*Simone Ellul - Crafts*

**Add us on**

facebook®

[http://www.facebook.com/SjafAntideCentre](http://www.facebook.com/SjafAntideCentre)

# VJAĠĠ FUQ IL-PASSI TA' SANTA ĠOVANNA ANTIDA



**PIETRELCINA**
(fejn twieled San Padre Pio tal-Pjagi)










**Mis-17 sal-25 ta' LULJU 2010 (9 Tijiem Sħaħ)**

***Kamra ta' zewg persuni jew tlett persuni*** **825Eur**
***Tfal sa 11 il-sena ma' 2 adulti 599*****Eur**

***Prezz jinkludi:***
Titjira mal-Air Malta g]al-Reggio u lura minn Roma
Transfers u eskursjoniijiet bil-coach privat kollha nkluzi skont il-programm
Akkommodazzjoni fil-Hotels 3star bis-servizzi private, kmamar ta' 2 jew 3 persuni flimkien
Breakfast u cena kuljum
Taxxi tal-Ajru
Direttur Spiritwali
Servizz ta' Group Leader



**NAPOLI**
fejn Santa Ġovanna Antida kompliet il-ħidma tagħna sakemm mietet




***Jekk tibbukja malajr għandek prezz specjali.***



**ROMA**
nżuru d-dar ġenerali tas-Sorijiet tal-Karità






# Rokna Poeżija

## Karba ta' Pazjent



Qatt fhimt xi nħoss jien?
Mifluġ u għajjien
Qed ngħix ħajja li naf
Ma twassal mkien




Enerġija li telqet
Sparixxiet u m'avżatniex
Naf biss li ħallietni fi skiet
Mirdum fl-abissi ta' dlamijiet

Fittixt li nkun jien
Minkejja d-diffikultajiet
Staqsejt għal għajnuna
Li sfortunatament ma tantx
Setgħet tagħmel tibdiliet



Marda pussessiva
Li naqqritli l-ħelsien
Li kisret l-għeżież
Żammithom skjavi ħdejja
Jittamaw forsi nfieq



Xtaqt ħafna nistabar
Imma possibiltà ma nstabitx
Stajt biss nħares lejn Alla
U nsaqsi 'l GĦALIEX JIEN?

Smajthom jgħiduli għamel KURAĠĠ

Imm' int taf xi tfisser tħossok abbandunat?

Mitluq ġo sodda waħdek mingħajr
Ma jista' jifhmek ħadd
Minkejja tieħu kura
Taf li ma tista' tfieq qatt

Marda qerrieda
Li jekk jfettilha taf tħallik
Imma bħalma taf int garanziji zgur m'għandikx

Qed nistenna li jgħalaq iż-żmien
Ħa neħles il-familja minn dan il-piż

Imm' għalissa nista' biss NIBKI FI SKIET!

***Frida Mangion***

***Frida hija studenta tas-Social Work fl-aħħer sena tal-kors B.A. (Hons) Social Work***



**Kif ħabbejtkom jien...**

Ħbejthom, kliemu
il-kliem tal-ħarsa ċ-ċara
ħobb lil għajrek
bħala
il-Jien
tiegħek stess
u jien ħsibt li ried jgħid
bħalma l-jien tas-soltu tiegħi
iħobb lil-jien tas-soltu tiegħi
(x'mistħija!)

Imma xi stajt nagħmel?
kont għadni naħseb
li il-jien tas-soltu
kien jien
u hu kien dak li kien qed jaħseb –
kif seta' jagħmel mod ieħor?

Qatt ma nduna li weħel fi xkielu
li għama mill-għamar
tiegħu għax ċkejken wisq
u kien jibża'
milli jċedi
lilu nnifsu

Jibża jieħu n-nifs
ta' Dak
li nifsu
huwa jien, hu hi, hu int
hu kulħadd:
"Jiena Hu Dak Li Hu"

Iżd' issa naf
- għandi ngħid
Huwa jaf -
li t-triq min hawn sa ...
lilhinn mill-univers
hija iqsar mill-mogħdija
minn hawn
sa qalbi.

tony macelli

# IS-SEĦER TAS-SKIET -

## *CHIARA LUBICH*




*Dik li int Mulej tinsab fis-skiet tat-tabernaklu hi ħaġa li ma tifhimhiex. Hi xi ħaġa tal-għaġeb. Iktar ma jgħaddi ż-żmien, iktar inħossha tolqotni.*

*Niġi fil-Knisja kull filgħodu biex inħobbok u nsibek hemm. Ngħaddi b'kumbinazzjoni, jew għax imdorrija, u nsibek hemm. U kull darba għandek kelma xi tgħidli. Biha turini x'nista' nirranġa u ssawwar fija innu wieħed magħmul minn ħafna noti, hekk li issa sirt nafu bl-amment. Din il-kelma mhix ħlief: l-imħabba eterna.*

*Alla ma setax jagħmel ħaġa aqwa minn din. Dak is-skiet tiegħu li fih l-istorbju tal-ħajja tagħna jiskot xi ftit. Dak it taħbit sieket ta' qalbu li jixxotta kull demgħa minn għajnejna, li hu isbaħ mill-kant ta' l-anġli, li lil moħħna jgħidlu min hu l-Iben t'Alla u lill-qalb ifarraġha bi ħlewwa divina.*

*Dan is-skiet li fih kull vuċi ssib postha, kull talba tinstema', f'dik il-preżenza tiegħek hemm il-ħajja u t-tama, u fih qalbna ssib il-mistrieħ tagħha biex bla heda hi terġa' taqbad triqtha.*

(silta magħżula minn Maria Buckle, Focolarina, Tutor tat-Tisjir fil-Programme Bridge tal-Fondazzjoni)

**DONATIONS**

*Your donation is truly appreciated; it enables us to consolidate our services to vulnerable individuals and families from surrounding parishes. Cheques are to be issued to the St Jeanne Antide Foundation. Bank transfers can be made to the following bank account:*
*APS Bank – St. Jeanne Andtide Foundation – account number: 2000068188-6*

***THANK YOU! WE PROMISE TO PRAY FOR YOU AND YOUR FAMILY***

**FOUNDATION SERVICES**

**1. The Antide Centre:** a drop-in centre in Tarxien open from 7.30am to 5.30 pm daily in winter time (sometimes later as well).

**2. The Social Work & Counselling Service:** includes home-visits by a nurse to home-bound lonely elderly, family-focused community outreach work and youth work.

**3. The Learning Support programme:** includes (a) a Homework Support Service for children and young persons; (B) the Bridge Programme - a basic skills training initiative for youths aged 16 to 24 including those with mild cognitive developmental delays and mental health problems; (c) non-formal learning opportunities for vulnerable adults (courses on self-esteem, basic ICT, etc). (d) Mentoring youths-at-risk.

**4. Caring for Carers Programme:** includes (a) Grandparent Education which supports parishes to start and run a NannaKola Club for grandparents who care for their grandchildren. Monthly dialogue sessions with experts take place at the Ċentru Antida. (b) support to carers of persons with mental health problems, disability and chronic ill-health; (c) Young Carers support (in the pipeline)